MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 631/2002

**L-Awtorita' Marittima ta' Malta**

**Vs**

**Michael Bonnici**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-23 t'Ottubru tas-sena 2002 li permezz tieghu l-Awtorita' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-Qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas is-somma ta' elfejn mitejn u erbgha u tmenin Lira Maltija u tmenin centezmu (Lm2284.80) dovuti lill-Awtorita' attrici bhala "fees" ghal servizz ta' "berthing" provdut lilu fuq ordni tieghu stess fil-"Yacht Marina", Msida ghall-"boat" bl-isem "Quinn-Quinn", hekk kif jidher mill-"invoice" annessa, datata 23 ta' Lulju, 2002, u ezebita bhala Dok 'A'. L-Awtorita' attrici tannetti wkoll kopji ta' ittri ufficcjali mibghuta lilu, datati 24 t'April 2001 u 14 ta' Frar 2002, u ezebiti bhala Dok "B" u Dok "C" rispettivament;**

**2. Bl-ispejjez, kif ukoll l-imghax legali sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' cessjoni ta' l-istess Awtorita' attrici datata t-3 ta' Dicembru tas-sena 2002 li permezz taghha irtirat t-talba ghas-sorte stante pagament, izda zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi in vista tas-suespost tikkonsidra l-fatt ukoll li l-konvenut kien regolarment mitlub biex ihallas l-ammont minnu dovut, issa mhallas, permezz ta' zewg ittri ufficjali, izda baqa' inadempjenti;**

**Ghaldaqstant din il-Qorti, in vista tal-premess filwaqt li tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sorte tikkundanna lill-konvenut Michael Bonnici biex ihallas ukoll l-ispejjez kollha konnessi ma' din il-procedura.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**